OECD *Multilingual Summaries*

# Health at a Glance: Europe 2016

## State of Health in the EU Cycle

*Summary in Maltese*




Read the full book on: 10.1787/9789264265592-en

# Health at a Glance: Europe 2016

## State of Health in the EU Cycle

## Neħtieġu prevenzjoni aktar effettiva u kura ta’ kwalità biex tkompli titjieb saħħet in-nies u jonqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa fil-pajjiżi tal-UE

L-istennija tal-għomor fost l-Istati Membri tal-UE żdiedet b’aktar minn sitt snin mill-1990, minn 74.2 sena fl-1990 għal 80.9 sena fl-2014, iżda għad hemm bosta inugwaljanzi fi ħdan il-pajjiżi u anki bejniethom. Bħala medja, in-nies tal-pajjiżi fl-Ewropa tal-Punent bl-akbar stennija tal-għomor jibqgħu jgħixu għal aktar minn tmien snin aktar min-nies tal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant bl-inqas stennija tal-għomor. Fi ħdan il-pajjiżi, għad hemm inugwaljanzi kbar fis-saħħa u fl-istennija tal-għomor bejn il-persuni b’livell ogħla ta’ edukazzjoni u ta’ dħul u dawk aktar żvantaġġati. Dan jiġri l-aktar minħabba esponimenti differenti għar-riskji tas-saħħa, iżda wkoll minħabba differenzi fl-aċċess għall-kura ta’ kwalità għolja.

Fl-2013 mietu aktar minn 1.2 miljun ruħ fil-pajjiżi tal-UE b’mard u b’korrimenti li setgħu jiġu evitati permezz ta’ politiki tal-prevenzjoni u tas-saħħa pubblika aktar effettivi u b’kura tas-saħħa aktar f’waqtha u effettiva. Hemm bżonn firxa wiesgħa ta’ azzjonijiet biex jindirizzaw il-bosta fatturi tar-riskju ambjentali u tal-imġiba li qed iwasslu għal imwiet qabel iż-żmien minħabba mard bħall-attakk tal-qalb (l-infart kardijaku akut), il-kanċer fil-pulmun, il-puplesija, l-imwiet relatati mal-alkoħol u mwiet oħra li jistgħu jiġu evitati. Sar progress notevoli fejn jidħol it-tnaqqis tal-konsum tat-tabakk f’ħafna pajjiżi tal-UE permezz ta’ taħlita ta’ kampanji pubbliċi ta’ għarfien, regolamenti u tassazzjoni. Iżda aktar minn wieħed minn kull ħames adulti fil-pajjiżi tal-UE għadhom ipejpu kuljum. Hu importanti wkoll li jiżdiedu l-isforzi biex jiġu indirizzati l-użu dannuż tal-alkoħol u l-obeżità, li f’ħafna pajjiżi tal-UE huma kwistjonijiet tas-saħħa pubblika li qed jikbru. Fl-2014 aktar minn wieħed minn kull ħames adulti fil-pajjiżi tal-UE rrappurtaw konsum qawwi tal-alkoħol mill-inqas darba fix-xahar; u fl-2014 adult minn kull sitta fil-pajjiżi tal-UE kien obeż, meta mqabbel ma’ wieħed minn kull disgħa fis-sena 2000.

F’ħafna mill-pajjiżi tal-UE, il-kura tas-saħħa tjiebet b’mod ġenerali iżda għad hemm xi differenzi. Peress li tjiebu t-trattamenti għall-kundizzjonijiet li jheddu l-ħajja bħall-attakki tal-qalb, il-puplesiji u d-diversi tipi ta’ kanċer, żdiedu r-rati tas-saprovivenza iżda f’ħafna pajjiżi xorta għad fadal xi jsir biex titjieb l-implimentazzjoni tal-aqwa prattiki fil-kura akuta u kronika.

## Niżguraw aċċess universali għall-kura ħalli nnaqqsu l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa

Jekk ikun żgurat aċċess universali għal kura ta’ kwalità għolja, ikun jista’ jsir titjib kostanti fis-saħħa tan-nies u jkunu jistgħu jonqsu l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa. Ħafna mill-pajjiżi tal-UE kisbu kopertura universali (jew kważi universali) tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa għal sett bażiku tas-servizzi. Iżda fl-2014,

erba' pajjiżi tal-UE (Ċipru, il-Greċja, il-Bulgarija u r-Rumanija) kien għad kellhom aktar minn 10% tal-popolazzjoni tagħhom li ma tkunx koperta b'mod regolari għall-ispejjeż tal-kura tas-saħħa.

Għalkemm mhux biżżejjed, indikatur importanti tal-aċċess hu li jkun żgurat li l-popolazzjoni kollha tkun koperta b'polza tal-assigurazzjoni (pubblika jew privata) tas-saħħa. Anke l-firxa tas-servizzi koperti u l-grad ta' kondiviżjoni tal-ispejjeż applikat għal dawn is-servizzi jaf iħallu impatt importanti fuq l-ispejjeż diretti minn bwiet il-pazjenti u l-aċċessibbiltà finanzjarja. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, is-sehem tal-popolazzjoni li rrappurtat ħtiġijiet tal-kura li mhumiex issodisfati minħabba raġunijiet finanzjarji hu pjuttost baxx u naqas matul is-snin qabel il-kriżi ekonomika, iżda f'bosta pajjiżi dan is-sehem żdied mill-2009 'l hawn, l-aktar fost il-familji bl-inqas dħul. Fl-2014, bħala medja fil-pajjiżi tal-UE, il-probabbiltà li l-foqra jirrapportaw ħtiġijiet mediċi li mhumiex issodisfati minħabba raġunijiet finanzjarji kienet għaxar darbiet aktar mis-sinjuri. Iż-żidiet fil-ħtiġijiet tal-kura li mhumiex issodisfati jaf iwasslu għal stat tas-saħħa inferjuri għall-popolazzjoni milquta u b'hekk jiżdiedu l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa.

Biex ikun żgurat aċċess effettiv għall-kura tas-saħħa jeħtieġ ukoll li jkun hemm għadd biżżejjed u mħallat ta' fornituri tal-kura tas-saħħa fir-reġjuni ġeografiċi differenti tal-pajjiż. Sa mis-sena 2000, l-għadd ta' tobba għal kull ras żdied fi kważi kull pajjiż tal-UE, b'medja ta' 20% (żieda minn 2.9 tobba għal kull 1,000 persuna fl-2000 għal 3.5 tobba fl-2014). Madankollu, l-għadd tal-ispeċjalisti żdied b'rata aktar mgħaġġla mill-għadd tat-tobba b'mod li issa fost il-pajjiżi tal-UE hemm aktar minn żewġ speċjalisti għal kull tabib tal-familja. F'ħafna pajjiżi, hemm ukoll problemi persistenti jew li qed jikbru fejn tidħol id-distribuzzjoni ġeografika inugwali tat-tobba għax il-persuni li jgħixu fiż-żoni rurali jew fiż-żoni mbiegħda ħafna drabi jkunu neqsin mis-servizzi. Fl-aħħar snin, ħafna mill-pajjiżi tal-UE ħadu miżuri biex isaħħu l-aċċess għall-fornituri tal-kura primarja għall-popolazzjoni kollha kullimkien, biex inaqqsu l-inugwaljanzi fl-aċċess u jevitaw li n-nies jidħlu l-isptar bla bżonn.

## Insaħħu r-reżiljenza, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa

Peress li l-popolazzjoni qed tixjieħ u minħabba limitazzjonijiet baġitarji stretti, is-sistemi tas-saħħa tal-pajjiżi tal-UE se jkunu jeħtieġu adattamenti kbar, ħalli jippromwovu xjuħija aktar b'saħħitha u biex il-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa li qed jiżdiedu u jinbidlu, jitwieġbu b'mod aktar integrat u ffukat fuq il-pazjenti. Bħala medja fost il-pajjiżi tal-UE, is-sehem tal-popolazzjoni li jaqbżu l-65 sena żdied minn inqas minn 10% fl-1960 għal kważi 20% fl-2015, u qed jitbassar li se jkompli jiżdied għal kważi 30% sal-2060. Daż-żmien hu stmat li madwar 50 miljun ċittadin tal-UE qed isofru minn żewġ kundizzjonijiet kroniċi jew aktar, u ħafna minn dawn in-nies għandhom aktar minn 65 sena.

Minn 8.7% fl-2005, fl-2015 in-nefqa tas-saħħa laħqet id-9.9% tal-PDG fl-UE kollha. Fis-snin li ġejjin, is-sehem tal-PDG tan-nefqa għas-saħħa hu mistenni jiżdied fil-pajjiżi kollha, l-aktar għax qed tixjieħ il-popolazzjoni u għax qed jinfirxu teknoloġiji dijanjostiċi u terapewtiċi ġodda. Barra minn hekk se tiżdied il-pressjoni fuq il-gvernijiet biex jaġixxu għax kulma jmur qed tikber il-ħtieġa għal kura fit-tul.

Waqt li l-pajjiżi tal-UE jilqgħu dawn l-isfidi, se jkun hemm bżonn li jkomplu jitjiebu l-ippjanar u l-organizzazzjoni tas-servizzi ħalli tikber ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa biex ikunu jistgħu jaġixxu għall-ħtiġijiet il-ġodda bl-aktar mod effiċjenti. Anki s-sistemi tas-saħħa jridu jibqgħu fiskalment sostenibbli. Huwa importanti li tkompli titjieb l-effiċjenza fl-isptarijiet, fin-nefqa farmaċewtika, fl-amministrazzjoni u f'materji oħra tal-infiq ħalli d-domanda li qed tikber tiġi ssodisfata bir-riżorsi limitati. Ħafna mit-titjib meħtieġ fis-sistemi tas-saħħa mill-inqas se jkun jinvolvi xi investiment bil-quddiem. Waqt li l-pajjiżi se jkunu qed jgħarblu kif jistgħu jallokaw bl-aqwa mod kull nefqa oħra tas-saħħa, hu importanti li jinżamm bilanċ tajjeb bejn l-investimenti fil-politiki li jtejbu s-saħħa pubblika u l-prevenzjoni, u l-politiki li jtejbu l-aċċess, il-kwalità u l-effiċjenza tal-forniment tal-kura tas-saħħa.

## Insegwu u ntejbu l-Istat tas-Saħħa fl-UE

Ħarsa fuq fuq lejn is-saħħa: Id-dokument Ewropa 2016 jippreżenta l-aktar xejriet riċenti fuq is-saħħa u s-sistemi tas-saħħa fit-28 Stat Membru tal-UE, f'ħames pajjiżi kandidati u fi tliet pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles. Dan hu r-riżultat ta' kollaborazzjoni msaħħa bejn l-OECD u l-Kummissjoni Ewropea biex jitjieb l-għarfien speċifiku għall-pajjiżi u għall-UE kollha dwar kwistjonijiet tas-saħħa bħala parti miċ-ċiklu l-ġdid tal-Kummissjoni dwar l-Istat tas-Saħħa fl-UE http://ec.europa.eu/health/state .

This translation was undertaken by the European Commission.

**Multilingual summaries are translated excerpts of OECD publications originally published in English and in French.**

**They are available free of charge on the OECD Online Bookshop** www.oecd.org/bookshop

For more information, contact the OECD Rights and Translation unit,

Public Affairs and Communications Directorate at: rights@oecd.org or by fax: +33 (0)1 45 24 99 30.

OECD Rights and Translation unit (PAC)
2 rue André-Pascal, 75116
Paris, France

Visit our website www.oecd.org/rights

**Read the complete English version on OECD iLibrary!**

© OECD (2016), *Health at a Glance: Europe 2016: State of Health in the EU Cycle*, OECD Publishing.

doi: 10.1787/9789264265592-en